**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 227 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Sylvester Grech**

Illum, 16 ta' Frar 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Sylvester Grech iben Ronnie u Antonia nee Micallef, imwieled Pieta, Malta nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru tal-elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) u residenti numru sitta u disghin (96), Escargot, Triq San Luqa, Zurrieq, Malta detentur tal-karta tal-identita bin-numru 38087 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Gewwa l-fond: 96, Escargot, Triq San Luqa, iz-Zurrieq nhar is-sitta (6) ta' Jannar, 2019, ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f' periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Anthea Tabone hekk kif certifikat minn Dr Ramon Scerri (Med Reg 1986), liema persuna hija l-ex mahbuba u l-koabitanta ta' Sylvester Grech;

L-imputat gie akkuzat ukoll talli fl-istess lok u f' postijiet ohra f' dawn il-gzejjer nhar is-sitta (6) ta' Jannar, u fil-jiem u x-xhur ta' qabel:

2. Bl-imgieba tieghu kkaguna lill-istess, Anthea Tabone biza′ li se tintuza′ vjolenza kontriha u dan bi ksur tal-Art. 251 (B) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta′ protezzjoni a favur ta′ Anthea Tabone u l-familja taghha ai termini ta′ l-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f′ kaz ta′ htija ma′ kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 t′ Ottubru, 2020, fejn il-Qorti filwaqt li ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b′ hekk illiberatu mill-imsemmija imputazzjoni u wara li rat l-artikoli 214, 215 u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta′ Malta sabet lill-imputat hati ta′ l-ewwel imputazzjoni ikkundannatu għall-piena ta′ tmien xhur priġunerija. Il-Qorti ordnat wkoll li tinhareg Ordni ta′ Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412 C (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta fil-konfront tal-parte civile Anthea Tabone ghall-perjodu ta′ hames snin u dan taht il-kondizzjonijiet imsemmija fl-anness digriet.

Rat ir-rikors tal-appellanti Sylvester Grech minnu pprezentat fit-3 ta′ Novembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti jogghobha:

1. Tiddikjara s-sentenza appellata bhala wahda nulla, filwaqt li tirrimetti l-atti lura lil Ewwel Qorti sabiex l-esponenti ma jigix pprivat mill-beneficcju tad-*doppio esame;* u
2. Fl-eventwalia′ li l-ewwel talba ma tigix milqugha, li tirriforma s-sentenza appellata u dana billi tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni u tvarjaha in kwantu sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu; u
3. Fl-eventwalita′ li t-talbiet precedenti jigu michuda u dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija taht l-ewwel imputazzjoni, li tiddikjara illi l-effett ghal dak li hu gisem tal-offiz u moralment huwa ta′ importanza zghira u tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 221(3) tal-Kodici Kriminali; u
4. B′ mod sussidjarju, fl-eventwalita′ li t-talbiet precedenti jigu michuda li tvarja l-piena mposta ghal piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-esponenti hassu aggravat bid-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti u minnha qieghed jinterponi dan l-umli appell:

A. **<u>Dwar in-Nullita tas-Sentenza Appellata</u>**

**A.1 Dwar in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Parti Leza**

Huwa palesi li kull persuna ghandha d-dritt illi tgawdi minn smiegh xieraq meta tali persuna tibda proceduri ghal decizjoni quddiem qorti jew awtorita' ohra gudikanti.

Il-fatti relevanti ghal dan l-aggravju jirrizultaw b' mod lampanti mis-sentenza appellata ta' nhar l-20 ta' Ottubru, 2020.

Kif jemergi mill-verbal tas-seduta ta' nhar is-7 ta' Lulju, 2020, il-Prosekuzzjoni u l-parte civile kellhom xahar mid-data tas-seduta biex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet u li l-esponenti kellhu sal-ahhar ta' Settembru sabiex jipprezenta n-nota tieghu b' risposta ghal dawk maghmulha mill-parti leza u mill-Prosekuzzjoni kif ukoll sabiex jaghmel dawk l-osservazzjonijiet relevanti in sostenn tad-dikjarazzjoni tal-appellant ta' mhux hati.

Kif jemergi mill-atti processwali kif ukoll mis-sentenza appellata, n-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni giet pprezentata fid-29 ta' Lulju, 2020, dik tal-esponenti giet pprezentata nhar is-16 ta' Settembru, 2020 u sussegwentament giet pprezentata nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile Anthea Tabone nhar it-22 ta' Settembru, 2020.

Minghajr ebda tlaqlieq l-esponenti jsostni illi indubbjament in-nota tal-parti leza giet pprezentata *'fuori termine'* u l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex tiehu konjizzjoni u tikkunsidra dak sottomess mill-parte civile permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha.

Anke jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument il-Qorti xtaqet tiehu konjizzjoni u tikkunsidra tali nota ta' sottomissjonijiet sabiex tasal ghall-gudizzju taghha, kien jispetta lill-istess Qorti illi tinforma lill-esponenti bil-prezentata tal-imsemmija nota sabiex sussegwentament l-appellant kien

ikollu l-opportunita' illi jkollu l-ahhar kelma u jirrispondi ghall-argumenti mressqa ' l quddiem mill-parti leza.

Madanakollu fil-kaz odjern gara bl-invers u kien biss minn qari tas-sentenza appellata, illi kemm l-esponenti kif ukoll ir-rapprezentanti legali tieghu hadu konjizzjoni tan-nota tal-parte civile li giet pprezentata fuori termine u wara li l-esponenti kien gia ressaq 'il quddiem r-risposta u l-argumenti tieghu permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet.

Fil-fatt, l-ewwel Onorabbli Qorti mhux talli ma skartatx in-nota ta' sottomissjonijiet maghmula mill-parti leza permezz tan-nota taghha, izda ghall-kuntrarju ikkunsidrat is-sottomissjonijiet maghmula mill-parti leza b' risposta ghall-argumenti mressqa ' l quddiem mill-appellant permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu!

Fid-dawl tas-su espost, referenza qieghda ssir ghal fol. 3 tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi "rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile Anthea Tabone prezentata fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru, 2020" kif ukoll ghal fol. 16 tas-sentenza appellata fejn il-Qorti sostniet "kemm il-parte civile kif wkoll id-difiza fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom taw spjegazzjoni cara ta' dan il-kuncett legali u din il-Qorti qieghda taghmel taghha tali esposizzjoni legali."

Dan kollu juri kif in-nota ta' sottomissjonijiet tal-parti leza mhux talli giet ikkunsidrata mill-ewwel Onorabbli Qorti izda kellha piz konsiderevoli ai fini ta' sejbien ta' htija tal-esponenti.

Ghaldaqstant jirrizulta kjarament illi l-isemmija nota ta' sottomissjonijiet:

1. Giet pprezentata fuori termine;
2. Giet pprezenta wara li l-esponenti kien pprezenta s-sottomissjonijiet tieghu b' risposta ghall-istess sottomissjonijiet mressqa mill-appellant;
3. Baqghet qatt ma giet notifikata lill-appellant; u
4. Kellha piz konsiderevoli ai fini ta' sejbien tal-htija.

B' kull dovut rispett imma l-procedura penali tirrekjedi differenti.

B' dan l-agir, l-esponenti gie prekluz ingustament milli jirrispondi ghas-sottomissjonijeit tal-parti leza.

Fid-dawl tas-su espost, l-esponenti jaghmel referenza ghal sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti[1] deciza nhar l-20 ta' Settembru, 2019 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Maria Concetta Vella'** fejn il-Qorti rriteniet illi:

> *"L-imputata ghalhekk sabet ruhha f' cirkostanza fejn fil-mori kellha ssib avukat difensur gdid li kellu jew kellha l-kaz kollu maghluq qua gbir ta' provi u jhejji nota ta' sottomissjonijiet jew b' risposta ghal dik maghmulha mill-prosekuzzjoni jew b' osservazzjonijiet dwar ghaliex ma kellhiex tinsab hatja.* ***Il-kelma tad-difiza hija dejjem l-ahhar wahda u f' kazijiet konsimili****, d-difiza tista ssib ruhha f' sitwazzjoni fejn tikxef il-linja difensjonali taghha jekk intempestivament tirregistra nota ta' sottomissjonijiet meta jkun iddekada t-terminu moghti lill- prosekuzzjoni. (emfasi tal-esponenti)*
>
> …
>
> *Fil-kaz odjern, izda, huwa evidenti li d-difiza ma kellhiex l-opportunita' li tivventila il-hsibijiet taghha dwar il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni u l-effett li dawn setghu kellhom fuq il-kaz.*
>
> …
>
> *13. Fil-kaz odjern l-atti kienu nieqsa mill-osservazzjonijiet tad-difiza dwar il-provi u hu proprju ghalhekk li kellha tinghata l-opportunita' bhalma inghatat il-prosekuzzjoni biex taghmel is-sottomissjonijiet taghha. F' kaz, imbaghad fejn tkun d-difiza li ma taghmilx uzu minn dik l-opportunita' , il-Qorti taghmel sew li teradika kull forma ta' abbuz u tghaddi ghas-sentenza. Dan izda, ma jidhrix li sehh fil-kaz in disamina liema aspett, igifieri li tisma' lid-difiza fuq il-linji difensjonali taghha, jassumu hafna aktar importanza tenut il-piena ta' erba snin prigunerija wara sejbien ta' htija dwar allegat delitt ta' natura serjissima;*
>
> *14. Illi ghalhekk din il-Qorti m' ghandiex triq ohra hlief li tghaddi biex tannulla s-sentenza mertu ta' dan l-appell u konsegwentement qed tilqa' l-*

[1] Per Onor. Imhallef G. Grixti

*ewwel aggravju u tiddikjara nulla u bla effett is-sentenza appellata filwaqt illi tastjeni milli tieghu konjizzjoni tal-aggravji lohra;*

*15. Illi fit-termini tal-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, meta l-Qorti ssib li tkun inkisret xi formalita' essenzjali ghandha tghaddi biex tiddeciedi l-kaz hi stess. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, izda, l-atti processwali ser ikunu rinvjati lill-ewwel Qorti sabiex tiddetermina il-kaz hi mill-gdid u dan ghaliex il-karenza fil-formalita' f' dan il-kaz tirrizulta f' proceduri inkompleti u ma jkunx hemm dik ir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja jekk tkun din il-Qorti li tisma' ghall-ewwel darba x' kellha tghid id-difiza fuq il-kaz u tiddeciedi dwaru minghajr id-dritt ta' appell f' kaz ta' ezitu negattiv ghaliha"*

Fid-dawl tas-su espost qieghda ssir referenza ghal dak deciz mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph John Gatt vs Ir-Registratur tal-Qrati et."**[2] fejn gie deciz li:

**"Illi d-dritt ghal smiegh xieraq, m' huwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat ragonevolment bil-procedura li tkun fis-sehh minn zmien ghal zmien. Imma dan igib mieghu wkoll li jekk il- procedura tistabilixxi regoli biex bihom jithaddem is-smigh kif imiss tal-kawzi, in-nuqqas ta' tharis tal-istess regoli a skapitu ta' xi parti ghandu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, igib mieghu censura u jaghti lok ghal rimedju, izjed u izjed jekk ghan-nuqqas ta' tharis imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew htija."**

Illi tali agir tal-ewwel Onorabbli Qorti wassal sabiex l-esponenti effettivament gie pprivat milli jippartecipa fil-process penali skond ir-regoli stabbiliti, kif fuq kollox kellhu kull dritt li jaghmel.

*Di piu'* qieghda ssir referenza ghal sentenza ohra fl-ismijiet **'Christopher Cassar v. Onorevoli Prim Ministru et.'** [3], fejn il-Qorti rriteniet illi:

"L-intimati jsostnu li in kwantu li d-difiza kienet taf li l-Prosekuzzjoni nghatat il-fakolta li tipprezenta n-nota ta' sottimissjonijiet taghha, liema nota giet ipprezentata entro t-terminu moghti mill-Qorti tal-Magistrati,

[2] Deciza nhar id-29 ta' Lulju, 2010 per Onor. Imhallef J. R. Micallef

[3] Deciza nhar it-22 ta' Frar, 2017 per Onor. Imhallef A. Felice

seta' facilment jigi vverifikat jekk din in-nota gietx ipprezentata jew le u dan specjalment meta wiehed iqis li s-sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati fid-19 ta' Gunju 2007 u cjoe ' l fuq minn sena wara li giet ipprezentata n-nota ta' sottomissjonijiet in kwistjoni mill-prosekuzzjoni. Filwaqt illi l-Qorti tapprezza li huwa minnu li l-avukat difensur tar-rikorrent seta' jivverifika jekk gietx ipprezentata din in-nota, **mill-perspettiva tal-principju ta' equality of arms, il-Qorti taqbel mar-rikorrent li ladarba n-nota ta' sottomissjonijiet in kwistjoni baqghet ma ngibitx a konjizzjoni tad-difiza kif ordnat mill-Qorti, f' dan il-kaz gie lez id-dritt tar-rikorrent qua imputat ghal smigh xieraq."** (sottolinear tal-esponenti)

Kemm il-Qrati nostrana kif ukoll dawk Ewropej jghallmu illi l-principju tal-' *equality of arms'* ghandu jikkaratterizza kull process guridiku. In difett ta' dan l-element procedurali, jinholoq zbilanc processwali. Di fatti fid-dawl tal-fatt illi frott tali nuqqas, l-esponenti ma setgha qatt jirrispondi ghall-argumenti tal-parti leza, l-argumenti u s-sottomissjonijiet ta' Tabone setghu gew ventilati u msahha ulterjorment bhala konsegwenza diretta tal-fatt li l-potenzjalita' biex l-appellant jirribatti tali argumenti permezz tas-sottomissjonijiet tieghu giet menomata.

B' rizultat ta' din il-lezjoni ta' dan il-principju procedurali li jsawwar id-dritt ta' smiegh xieraq u li minnu ghandu jgawdi kull persuna, il-posizzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-parti leza giet ivvantaggjata filwaqt li l-qaghda tal-esponenti giet mankament zvantaggjata.

Tenut kont tas-su espost kollu, l-esponenti ghalhekk jissottometti li hawnhekk inkisret formalita' li necessarjament twassal ghall-annullament tas-sentena tal-Qorti tal-Magistrati.

**A.2 Dwar l-Artikoli Indikati mill-ewwel Onorabbli Qorti**

B' mod preliminari, ghall-ahjar kjarezza tal-hsieb, l-esponenti jemmen illi jkun gust u adekwat illi fid-dawl ta' dan l-aggravju, jaghmel referenza ghall-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali:

> "Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat"

Minn qari akkurat tal-imsemmija disposizzjoni legali jemergi bic-car illi ghall-validita ta' sentenza, jinkombi fuq il-Qorti illi fl-istess sentenza:

Issemmi l-fatti li taghom l-imputat instab hati;

1. Issemmi l-piena erogata; u
2. Issemmi l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reati li taghhom jinstab hati l-imputat.

A contrario sensu, isegwi illi jekk sentenza tonqos milli ssemmi xi wiehed jew aktar mill-elementi hawn fuq imsemmija, l-istess sentenza ma tkunx wahda valida u ghandha tigi ddikjarata nulla u bla effett.

Tenut kont tas-su espost, l-esponenti jaghmel referenza ghall-artikoli indikati mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-parti deciziva tas-sentenza appellata.

L-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi waslet ghad-decizjoni taghha wara li "rat l-artikoli 214, 215 u 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta..."

Illi l-appellant ihossu aggravat ghaliex l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fil-parti dispozittiva tas-sentenza ccitat l-Artikolu 221 fil-generalita` tieghu biss u ghalhekk ma giex indikat liema sub-artikolu jew sub-artikoli qed japplikaw ghar-reat in kwistjoni.

Ghandu jigi emfassizat li kull sub-artikolu fl-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali, jitratta sitwazzjoni differenti u partikolari kif ukoll piena specifici ghal kull sitwazzjoni

In sostenn tal-premess, l-esponenti jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Mario Said**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Ottubru 2010:

> "Ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 382 tal-Kap. 9 jidher illi hemm qbil bejn id-difiza w il-prosekuzzjoni illi s-sentenza fiha mankament li jwassal ghas-sanzjoni ta' nullita' kif dispost fl-artikolu fuq imsemmi.

B' nota pprezentata fl-24 ta' Mejju, 2010 (fol. 155) l-Avukat Generali qabel mat-tezi tad-difiza meta jiddikjara "jidher li verament is-sentenza tal-Ewwel Qorti datata 24 ta' Settembru, 2009 hija difettuza ai termini tal-artikolu 382 tal-Kap. 9". Dan id-difett jirrisali ghal nuqqas tal-Ewwel Qorti illi jiddikjara liema sub-paragrafu (a), (b), (c) jew (d) tal-artikolu 325 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom japplikaw ghal dan il-kaz.

L-Ewwel Qorti semmiet l-artikolu 325 (1) b' mod generali w inkludiet ukoll is-sub-inciz (2) tal-istess artikolu li m' ghandu x' jaqsam xejn ma din il-kawza peress illi m' hemmx indikat li l-proprjeta' allegatament imhassra, danneggjata jew mgharqa hi ta' indoli jew ta' importanza geologika, palentologika, arkeologika, arkitetonika, artistika jew inkellha storika. Dan in-nuqqas jammonta ghall-nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata...

Ma hemm xejn x' jinghad iktar fuq din il-kwistjoni hlief li tilqa' parti mill-appell tal-appellant u thassar u tirrevoka w tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-24 ta' Settembru, 2009 u tghaddi biex tikkonsidra l-vertenzi l-ohra msemmija fil-bidu ta' dan il-gudikat"

F' dan ir-rigward qieghda ssir referenza ghal sentenza deciza minn dina l-Onorabbli Qorti[4] deciza nhar l-14 ta' Novembru, 2013, fl-ismijiet **' Il-Pulizija vs Kenneth Borg'** il-Qorti rriteniet illi:

"Huwa minnu illi l-Artikolu kkwotat mill-Magistrat 45 (1) (d) tal-Kap 399 ma jezistix, hu ovju illi l-Magistrat kellu jnizzel 35A tal-Kap 399. Il-Qorti tqis dan l-izball bhala lapsus tal-Magistrat illi forsi kien distratt sforz l-ghagla jew il-pressjoni ta' xoghol anke bl-ammont ta' kawzi u nies jistennew fl-Awla illi dak il-hin facli tiehu zball bhal dan, pero' tajjeb jew hazin zball bhal dan dejjem gie meqjus bhala nuqqas ta' formalita sostanzjali li jgib miegħu nnullita tas-Sentenza appellata"

[4] Per Onor. Imhallef M. Mallia

Dan l-aggravju jissahhah bil-fatt illi sub-artikoli tal-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali jipprospettaw tip ta' griehi differenti, f' cirkostanzi differenti fil-waqt li jgorru pieni differenti.

Is-Subartikolu (1) jipprospetta piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn jew multa, is-sub-artikolu (2), piena ta' prigunerija minn sentejn sa seba' snin fil-waqt li s-subartikolu (3)(a) piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur u s-subartikolu (3)(b) il-piena ta' kontravenzjonijiet.

Fid-dawl tan-nuqqas ta' din il-formalita' essenzjali, l-esponenti jistaqsi : ta' liema reat huwa nstab hati? Taht liema sub-artikolu?

L-appellant jistaqsi: Tenut kont li l-Qorti naqset milli tispecifika taht liema sub-artikolu tal-artikolu 221 huwa nstab hati tieghu, kif jista' qatt jigi accertat illi l-piena erogata hija fil-parametri li jipprovdi l-Legizlatur?

Konsegwentament l-appellant filwaqt illi umilment jissottometti illi l-Ewwel Onorabbli Qorti tat sentenza illi ma tirrispetax in toto r-rekwiżiti mitluba mil-ligi fl-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jitlob lil din Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara tali sentenza bhala wahda nulla, filwaqt li tirrimetti l-atti lura lil Ewwel Qorti sabiex l-esponenti ma jigix pprivat mill-beneficcju tad-doppio esame.

**B. <u>Dwar l-Apprezzament tal-Provi in konnessjoni mal-ewwel imputazzjoni</u>**

Dan l-aggravju qieghed jingieb ' il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti.

**B.1 Generali**

Minn qari akkurat tas-sentenza appellata jemergi car kristallin illi l-ewwel Onorabbli Qorti sejset is-sejbien ta' htija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni a bazi tal-verzjoni illi tat il-parti leza.

Fil-fatt, permezz tas-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi l-verzjoni illi tat il-parti leza hija wahda konsistenti u minghajr ebda

diskrepanzi.[5] Min-naha l-ohra, skond l-ewwel Qorti, il-verzjoni ili ta l-appellant hija kontradittorja u nieqsa mill-konsistenza.

B′ kull dovut rispett imma l-appellant ma jista′ qatt jaqbel ma′ tali interpretazzjoni tax-xhieda ghax effettivament il-provi juru xorta ohra.

Kuntrarjament ghal dak li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti, l-apprezzament tal-provi ma ghandux isir b′ mod spezzetat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex imbaghad il-gudikant ikun jista′ jara x′ interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista′ jaghti lil tali provi migbura.

Ghaldaqstant l-esponenti jikkontendi illi huwa ma setghax jinstab hati semplicement fuq analizi individwali u separata tal-provi. Tali provi kellhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Fin-nuqqas li jigri hekk, l-apprezzament tal-provi jsehh a bazi ta′ allegazzjonijiet u kongetturi kif fil-fatt gara f′ dan il-kaz.

**B.2 Dwar il-Kredibbilita′ tal-Parti Leza**

B′ mod preliminari ghandu jigi ritenut illi huwa minnu u ghandu mis-sewwa illi nhar is-6 ta′ Jannar, 2019 sehh argument bejn l-appellant u l-parti leza – fatt ikkonfermat mill-parti leza kif ukoll mill-appellant odjern kemm a tempo vergine meta rrilaxxa l-stqarrija tieghu fl-ufficcju tal-ispettur Roderick Attard nhar it-8 ta′ Jannar, 2019[6] kif ukoll fid-deposizzjoni tieghu taht gurament nhar l-14 ta′ Jannar, 2020.

Dak illi qieghed jigi kkontestat huwa d-dinamika ta′ kif sehh l-argument kif ukoll il-mod kif il-parti leza sofriet il-griehi mertu tal-ewwel imputazzjoni.

L-ewwel Onorabbli Qorti kienet kkonfrontata b′ zewg verzjonijiet kontrastanti fejn min-naha l-wahda hemm dik tal-parte-civile Anthea Tabone li fix-xhieda taghha allegat illi l-esponenti habta u sabta aggrediha u min-naha l-ohra hemm l-verzjoni tal-esponenti li offra spjegazzjoni dettaljata, konsistenti u

[5] Fol. 15 u 16 tas-sentenza appellata
[6] A fol. 10 tas-sentenza appellata

sorretta bi provi ta' dak illi effettivament sehh dak in-nhar tas-6 ta' Jannar, 2019.

L-ewwel Onorabbli Qorti dwar il-kredibbilita tal-parti leza sostniet illi:

> "Min-naha l-ohra din il-Qorti ghandha l-verzjoni tal-parte civile, liema verzjoni baqghet wahda konstanti u dan sia meta hija tat l-istqarrija taghha lill-Ispettur kif wkoll meta hija tat ix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti ghal darba darbtejn.
>
> …
>
> Din il-Qorti ma irriskontrat l-ebda diskrepanza fix-xhieda tal-parte civile dwar il-modalita dwar kif sehh l-incident. Apparti minn hekk din il-Qorti kellha l-opportunita li tezamina l-komportament tal-parte civile fuq il-pedana tax-xhieda u hija konvinta mill-veracita ta' dak li kienet qed tghid il-parte civile."

B' kull dovut rispett lejn l-ewwel Onorabbli Qorti imma meta wiehed min-naha l-wahda jaqra din l-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tax-xhieda ta' Tabone u min-naha l-ohra jifli, janalizza u jixtarr il-provi kollha prodotti kontra u favur l-appellant fil-proceduri odjerni, wiehed jigi bejn haltejn jekk il-gudikat qieghedx jikkummenta dwar l-istess deposizzjoni ta' Tabone moghtija fil-konfront tal-esponenti u dan ghaliex il-buon sens, il-logika u l-provi l-ohra kollha jikkontradixxu l-istess verzjoni ta' Tabone.

Fil-fatt minn ezami approfondit tax-xhieda ta' Anthea Tabone mhux talli tali verzjoni ma tista' qatt tigi deskritta bhala wahda konsistenti izda mill-istess verzjoni jemergu diversi inkonsistenzi u kontradizzjonijiet, liema inkonsistenzi juru l-karattru qarrieqi tal-istess Tabone u jikxfu l-animu illi fuqu kien msejjes ir-rapport illi ghamlet Tabone jumejn wara l-allegat incident.

Dan kollu ghandu jinqara fid-dawl tal-fatt illi l-argument bejn il-koppja beda hekk kif il-parti leza bdiet tallega illi l-esponenti u/jew ibnu kien serqilha bi tpattija gizirana ta' valur sentimentali, madanakollu sussegwentament irrizulta illi dawn l-allegazzjonijiet kienu kollha infondati stante li l-parti leza

stess in kontro-ezami xehdet illi hija kienet sabet l-imsemmija gizirana gewwa r-residenza taghha.

Fid-deposizzjoni taghha ta' nhar it-28 ta' Jannar, 2019, Anthea Tabone xehdet illi "kont qieghda taht panic attack, bdejt nibki u hekk u f' daqqa bdejt nara d-daqqiet gejjin ghalija"[7] u "l-glieda damet ghaddejja madwar tlett kwarti sakemm imbaghad jiena bdejt nghajjat ghall-ghajjut."[8] Ix-xhud tkompli tghid illi sahansitra waqt il-glieda, l-esponenti beda "jigi bil-girja u jaqbad iti[ha]"[9] Di piu' fl-istqarrija illi l-parti leza rrilaxxat lill-Pulizija a tempo vergine, Tabone stqarret illi l-esponenti beda jgherrfaha minn mal-art u jsabbatha lura fl-art u sahansitra rikeb fuq sidirha, zammilha l-pajp tan-nifs u beda jiskossja b' gharkupptejh fuq sidirha.[10]

B' kull dovut rispett imma tali verzjoni la hija sorretta bi provi konkreti fl-atti u mhux talli ma hijiex soretta bi provi, izda l-provi l-ohra prodotti jippuntaw lejn direzzjoni ohra.

Ir-raguni ma tridx forza u l-buon sens jissugerrixxi illi dak li gara nhar is-6 ta' Jannar, 2019 mhux dak illi allegat Tabone.

L-aktar prova bazika illi tikkontradixxi l-verzjoni illi ghogobha taghti l-parte civile Tabone huwa indubbjament ic-cetifikat mediku mahrug minn Dr Ramon Scerri. Tabone xehdet illi hija damet ghal madwar tlett kwarti – siegha tissawwat inkluz tisbit bil-giri, tisbit mal-ghamara, tisbit mal-art u sahansitra qbiz fuq sidirha tant li beda jinqatalgha nifisha u jfaqqghu l-ghadam. Madanakollu c-certifikat mediku ezebit nhar id-9 ta' Jannar, 2019[11] u kkonfermat bil-gurament minn Dr Ramon Scerri fis-seduta ta' nhar it-28 ta' Jannar, 2019 juri mod iehor.

Meta t-tabib gie mistoqsi mill-ewwel Onorabbli Qorti, Dr Ramon Scerri kkonferma illi l-uniku griehi li sab kienu "xi tbengil u nefha mad-dawra tal-ghajn tan-naha tax-xellug"[12] xejn iktar u xejn inqas.

[7] Fol. 37 tal-Atti Processwali
[8] Fol. 38 tal-Atti Processwali
[9] Fol. 39 tal_Atti Processwali
[10] Fol. 54 tal-Atti Processwali
[11] A fol. 13 tal-Atti Processwali
[12] A fol. 32 tal-Atti Processwali

L-esponenti jistaqsi – kieku veru Tabone damet siegha taqla′ bla hniena, tissabbat mal-art u mal-ghamara, kif fl-ahhar mill-ahhar stqarret hi stess mal-Pulizija u fuq il-pedana tax-xhieda, kif jista′ qatt jigi spjegat illi t-tabib ma sabx imqar tbengila wahda fuq idejha, tbengila wahda fuq sidirha jew ghad-dirittura xi gundalla f′ rasha jew xi forma ta′ gerha ohra madwar gisem Tabone?

Dan wahdu juri kemm il-verzjoni ili ghogobha tivvinta Tabone la ghandha mis-sewwa u wisq anqas hija kredibbli.

Dan kollu jorbot mal-fatt illi l-esponenti lanqas li kieku ried ma setgha jithabat ghal iktar minn kwarta u dan sforz il-kundizzjoni medika illi ilu jbati minnha minn meta kien ta′ eta′ zghira – dan kif jixhdu ic-certifikati medici kollettivament immarkati bhala Dok SG5[13] kif ukoll il-file mediku tal-esponenti ezebit mis-Sinjura Diane Mazzonello nhar il-25 ta′ Frar, 2020[14] immarkat bhala Dok DM1, multo magis kemm l-imputat odjern setgha jaghmel bejn tlett kwarti u siegha jissielet b′ sahtu kollha, jigri u jaqbez u jsabbat. – Ghal darba ohra l-fatti jgiddbu lil Tabone.

Minkejja dan kollu, dan in-nuqqas mhux l-uniku wiehed li jispikka mix-xhieda ta′ Tabone. Matul id-deposizzjoni tal-parti leza, Anthea Tabone tixhed illi waqt l-argument shih, liema argument skond Tabone dam ghal madwar siegha, dahlu gewwa r-residenza tal-koppja l-Pulizija.

Nhar it-28 ta′ Jannar, 2019, Tabone xehdet "… bqajt nghajjat ghall-ghajnuna u imbaghad gew il-Pulizija."[15] Tabone tkompli tghid "… kelli wicci diga kollu daqqiet, kont diga mifqugha"

Madanakollu l-Pulizija wara li staqsew lill-koppja jekk kellhomx bzonn assisstenza, liema assistenza giet irrifjutata, talbuhom biex ma jaghmlux iktar storbju – xejn iktar u xejn inqas.

Il-buon sens jissugerixxi illi l-verzjoni tal-parti leza hija surreali, gidba u lil hinn minn kull xrara ta′ verita′ . Ghal Tabone kulhadd qieghed jigdeb barra hi

[13] A fol. 198 et. seq. tal-Atti Processwali
[14] A fol. 212 et. seq tal-Atti Processwali
[15] A fol. 39 tal-Atti Processwali

– ghal Tabone ma bdietx ixxejjer sikkina ghalkemm il-fatti juru mod iehor, ghal Tabone kienet ilha bejn tlett kwarti siegha taqla′ , tissawwat, tissabbat meta c-certifikat mediku u l-kundizzjoni ta′ sahha tal-imputat juru mod iehor u juru kif tali verzjoni mhiex kredibbli.

Ghal Tabone il-Pulizija rawha b′ wiccha mifqugh, indunaw illi kienet ghadha kif qalghet xebgha ta′ siegha shiha u l-unika preokkupazzjoni tal-Pulizija kienet l-istorbju!!!!

Bil-verzjoni illi ppruvat tbellghalna l-esponenti, implikat illi l-Pulizija ghalkemm rawha midruba u konsegwentament f′ periklu car, naqsu milli jarrestaw lill-esponenti u jaghtu l-assistenza medika u l-protezzjoni mehtiega. Donnha trid tbellghalna li dan kien l-unika kaz ta′ allegat vjolenza domestika illi ltaqghu mieghu il-Pulizija stazzjonati gewwa z-Zurrieq.

In kontro-ezami x-xhud ghal darba ohra tikkonferma illi "il-pulizija setghu jaraw li jiena kelli wicci diga mifqugh"[16] izda l-pulizija hallewha hemmhekk allegatament tkompli taqla′ . Apparti minn hekk, skond l-esponenti kienet ilha siegha tghajjat ghall-ghajnuna izda meta waslet l-ghajnuna ghazlet li tirrifjutaha!!

Tant kemm il-buon sens jissuggerrixxi illi l-verzjoni illi tat Tabone mhiex wahda veritiera jemergi minn mistoqsija illi ghogobha taghmel il-Qorti stess:

> "Qorti: Jigifieri dan il-Pulizija ghall-istorbju inkwieta mhux ghall-kundizzjoni tieghek?
>
> Anthea Tabone: Le. Il-kundizzjoni tieghi. Wicci kien diga mifqugh pero l-Pulizija ma staqsiniex id-daqqiet minn fejn gew."[17]

Lanqas ma ghandha mis-sewwa l-verzjoni illi tat il-parti leza dwar meta u fi x′ hin sar ic-certifikat mediku. Skond l-akkuza mahruga mill-Pulziija l-aggrssjoni saret nhar is-6 ta′ Jannar, 2019 ghall-habta tal-hdax ta′ filghaxija madanakollu

[16] A fol. 70 tal-Atti Processwali
[17] Fol. 40 tal-Atti Processwali

c-certifikat mediku sar nhar is-7 ta' Jannar, 2019 ghall-habta tad-9:19 ta' filghaxija u cioe madwar tnejn u ghoxrin siegha wara l-allegat aggressjoni.[18]

Minkejja li l-hin ta' meta l-parti leza giet ezaminata minn Dr Ramon Scerri huwa car u skjett, dan ma jaqbilx ma dak illi xehdet il-parti leza. Tabone nhar it-28 ta' Jannar xehdet illi "mort id-dar, imbaghad kienu xi tlieta ta' wara nofsinhar, sibt lil missieri hemmhekk u ovvjament bqajt niezla l-klinik, mort ghand it-Tabib"[19]

L-esponenti jistaqsi: Ghalfejn tezisti din id-diskrepanza cara bejn il-hin illi allegatament il-parti leza marret taghmel certifikat u l-hin illi effettivament jidher fuq ic-certifikat? Ghalfejn stqarret li c-certifikat ghamlitu fit-3 ta' wara nofsinhar u c-certifikat juri hin differenti? Min qed jigdeb: Anthea Tabone jew Dr Ramon Scerri?

Dan kollu ghandu jinqara fid-dawl ta' dak li stqarr l-appellant matul id-deposizzjoni tieghu:

> "Jiena lilha, ha nghid hekk, ma rajtiex hekk, ma rajtiex b' dik l-ghajn ha nibdew minn hemm, jigifieri x' hin wassaltha jiena zgur ma kelliex"[20]

Ghalfejn damet madwar tnejn u ghoxrin siegha biex taghmel certifikat mediku Tabone? X' interess kellha li tigdeb?

Dan kollu jkompli juri kif il-verzjoni ta' Tabone la hija kredibbli u wisq anqas veritiera.

Ghal kuntrarju ta' dak sostnut mill-ewwel Onorabbli Qorti, anke mil-lat ta' konsistenza hija dghajfa l-verzjoni ta' Tabone. Id-diskrepanza fil-verzjoni ta' Tabone temergi hekk kif wiehed jara r-Risk Assessment Report maghmul mill-haddiema socjali tal-Agenzija Appogg a tempo vergine u dak li xehdet l-parti leza fuq il-pedana tax-xhieda.

---

[18] Fol. 13 tal-Atti Processwali
[19] Fol. 40 tal-Atti Processwali
[20] Fol. 187 tal-Atti Processwali

Dak in-nhar illi sar l-assessment report – meta mistoqsija mill-ufficjali tal-Agenzija Appogg jekk l-esponenti qattx hedded lill-familjari taghha hija nnegat illi qatt sar dan. Madanakollu fuq il-pedana tax-xhieda, ix-xhud pprezentat numru ta' voice clips fejn allegatament jinstema l-esponenti fi granet precedenti jhedded lilha u lill-familjari taghha.

Ghalkemm l-esponenti jinnega illi dak illi jinstema fuq ir-recording hija l-vuci tieghu ( u dwar dan l-ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi ma giex ppruvat sal-grad rikjest mil-Ligi illi l-vuci illi tinstemgha fir-recordings hija dik tal-appellant) madanakollu dan kollu jkompli juri kif il-verzjoni tal-esponenti hija nieqsa mill-konsistenza.

Mela meta mistoqsija mill-Appogg a tempo vergine jekk l-esponenti qattx hedded lill-familjari taghha Tabone stqarret li le imbaghad tigi fil-qorti u tipprezenta recordings fejn allegatament jinstema persuna jhedded lilha u l-familjari taghha u tridna nemmnu illi dak il-persuna huwa l-esponenti!! Fejn qieghda l-konsistenza illi ssemmi l-ewwel Onorabbli Qorti?

Dan minghajr ma jissemma l-fatt illi fix-xhieda taghha l-parti leza tallega illi gew xi girien iwaqqfu lill-esponenti milli jkompli jsawwatha[21] izda dan la jirrizulta mill-investigazzjoni tal-Pulizija, la jirrizulta min huma tali girien, jekk effettivament jezistu tali girien u wisq anqas ttellghu jixhdu tali persuni.

F' dan ir-rigward, issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ' **Il-Pulizija v. Daniel Gatt'** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-19 ta' Dicembru 2019, per Onor. Imhallef Aaron M. Bugeja, fejn intqal hekk

> "Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jghid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' spergur ghaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f' qaghda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f' kull kaz, il-Qorti ma ghandhiex il-fakulta u s-setgha li tidhol fil-profondita' tal-mohh, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b' mod li tkun tista' tistabbilixxi c-certezza assoluta ta' dak li jkun qed jahseb u jghid billi taqralu mohhu u qalbu."

[21] Fol. 169 tal-Atti Processwali

Konsegwentament, fid-dawl tal-premess; senjatament fid-dawl ta' tali inkonsistenzi, l-esponenti jemmen bis-shih illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issejjes il-gudizzju taghha fuq il-verzjoni tal-istess parti leza stante li din il-verzjoni mhix wahda konsistenti, kredibbli u/jew korroborata.

### B.3 Dwar il-Verzjoni tal-Appellant

Dan l-aggravju qieghed jigi mressaq ' il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedent

Skond l-ewwel Onorabbli Qorti, il-verzjoni li ta l-esponenti mhiex wahda kredibbli. L-appellant ma jaqbilx ma' tali dikjarazzjoni u ghal dan ir-rigward jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti tevalwa d-depozijjoni tal-appellant fuq il-pedana tax-xhieda kif ukoll l-istqarrija rilaxxata minnu stess a tempo vergine fid-dawl tal-provi prodotti.

Kemm fix-xhieda tieghu *viva voce* quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ta' nhar l-14 ta' Jannar, 2020, u kif ukoll precedentament u cioe permezz tal-verzjoni li huwa ta *a tempo vergine* nhar it-8 ta' Jannar, 2019 gewwa l-ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq, l-esponenti b' mod skjett spjega illi meta Tabone bdiet tallega illi l-gizirana tad-deheb setgha seraqilha it-tifel tal-esponenti, huwa rrabja izda ma refghax idejh fuqha. Madanakollu l-parti leza x' hin ratu jirrabja qabdet sikkina u bdiet tfendi biha tant li laqtet lill-imputat odjern u kien f' dan il-mument illi l-esponenti qabad bil-forza lill-esponenti, rnexxielhu jnehhielha l-arma minn go idejha, inqelbu flimkien u waqt li kienu mal-art kompla l-glied bejniethom.

Ghall-esponenti, mix-xhieda tieghu, jemergi bic-car illi dak li hu abjad abjad u dak li hu iswed, iswed. Bl-ebda mod u manjiera ma pprova jahbi xi fatt illi effettivament gara, u dan b' kuntrast assolut mal-verzjoni illi ghogobha taghti l-*parte civile.*

B' kuntrarju ghal dak sostnut fis-sentenza appellata, l-appellant fl-ebda moment matul id-deposizzjoni tieghu ma pprova jimplika illi ma kienx sehh kuntatt fiziku bejnu u bejn il-parti leza, izda certament dan il-kuntatt ma kienx l-istess kuntatt illi ghogobha tpingi l-parti leza. Ghal darba ohra, minn dan l-

lat, ic-certifikat mediku ezebit u kkonfermat minn Dr Ramon Scerri jkompli jaghti kredibilita' lill-verzjoni tal-esponenti.

Dan kollu ghandu jinqara fid-dawl tax-xhieda ta' PS1434 Mario Mercieca ta' nhar il-31 ta' Lulju, 2019. PS1434 gie mitlub mis-superjuri tieghu sabiex jiehu xi ritratti gewwa l-fond mertu tal-imputazzjonijiet odjerni sabiex jikkonferma dak li l-esponenti kien qal fl-istqarrija tieghu u min-naha tieghu ikkonferma illi "beda jaqbel kollox ma' dak li qalilna."[22]

In oltre, l-ewwel Onorabbli Qorti ghogobha tiskarta l-verzjoni u x-xhieda tal-appellant u tabbraccja u ssejjes il-gudizzju taghha fuq il-verzjoni tal-parti leza stante li "fl-istqarrija tieghu ma jaghmilx riferenza ghall-fatt li huwa kien intlaqat mis-sikkina li hareg il-parte civile mill-kexxun. … Wiehed ghalhekk jistaqsi kif dan il-punt – li ma jistax jitqies bhala xi wiehed superfluwu jew dettal irrilevanti – assolutament ma issemmiex a tempo vergine meta l-imputat kien qieghed jaghti l-istqarrija tieghu"[23]

Illi b' kull dovut rispett imma jekk Grech ghazel li ma jsemmix certu affarijiet matul l-istqarrija tieghu, dan la jista' jigi interpretat illi l-verzjoni illi ta Grech hija wahda inveritiera u wisq anqas ma tista' tittiehed xi inferenza, kif ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti, biex tiskredita lill-appellant.

L-esponenti jaghmel referenza ghall-artikolu 355AUA(7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *(7) Fejn fi kwalunkwe proceduri quddiem qorti tal-gustizzja ta' gurisdizzjoni kriminali kontra persuna ghal reat, tinghata evidenza li l-persuna suspettata jew akkuzata –*
>
> *(a) fi kwalunkwe hin qabel ma giet akkuzata bir-reat, fl-interrogazzjoni mill-Pulizija Ezekuttiva jew minn awtorità ohra ghall-infurzar tal-ligi jew awtorità gudizzjarja waqt li qeghdin jippruvaw jiskopru jekk jew minn min gie kommess ir-reat, tonqos milli ssemmi kwalunkwe fatt fid-difiza taghha f' dawk il-proceduri; jew*

[22] Fol. 111 tal-Atti Processwali
[23] A fol. 15 tas-sentenza appellata

*(b) malli tkun akkuzata b' dak ir-reat jew tigi infurmata ufficjalment li tista' tghaddi minn process ta' prosekuzzjoni ghalih, tonqos milli ssemmi xi fatt, li jkun fatt li fic-cirkostanzi li kienu jezistu meta l-persuna suspettata jew akkuzata setghet ragonevolment tkun mistennija li ssemmi waqt l-interrogazzjoni, meta giet akkuzata jew infurmata, skont kif ikun il-kaz, ebda inferenza ma tista' ssir min-nuqqas tal-persuna suspettata jew akkuzata milli ssemmi fatti li jistghu jigu kkunsidrati bhala provi ta' htija jew li jammontaw ghall-korroborazzjoni ta' kwalunkwe prova ta' htija tal-persuna suspettata jew akkuzata.*

Referenza qieghda ssir ukoll ghal sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-2 t' Awissu, 2017 fl-ismijiet **' Il-Pulizija vs Wayne Falzon'** fejn il-Qorti[24] rriteniet illi:

*"Illi l-prosekuzzjoni taghti importanza ghall-fatt li fl-interogazzjoni tieghu l-imputat naqas milli joffri l-ispjegazzjoni li ta ghall-ewwel darba quddiem din il-Qorti. Dan hu kollu minnu, izda bl-introduzzjoni tal-Att LI tal-2016 iddahhlet is-segwenti disposizzjoni fl-artikolu 355AUA(7) tal- Kodici Kriminali…*

*Ghalhekk il-prosekuzzjoni ma tista qatt tippretendi li l-Qorti ghandha tiskarta x-xhieda tal-imputat, ghall-fatt biss li hu naqas milli jaghmel id- difiza tieghu mal-ewwel opportunita`, anke jekk wiehed hekk jistenna tenut kont li hu fl-interess ta' kull persuna li xxejjen kull suspett minn fuqha.*

*Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali, din il-Qorti ma tistax ghajr tillibera lill-imputat minn kwalunkwe htija u piena fuq l- akkuzi kollha imputati lilu fuq mankanza ta' provi. "*

Dak li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti huwa diametrikament oppost ghall-ispirtu tal-legizlatur meta gie biex jemenda l-artikolu 355AU tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz tal-Att LI tal-2016. Fil-fatt permezz ta' dan l-att, il-Legizlatur nehha d-dritt tal-inferenza f' kazijiet fejn qabel it-tehid tal-

[24] Ippreseduta mill-Magistrat Dr. D. Frendo Dimech

interrogatorju, is-suspettat ikun uzufruwixxa mid-dritt tal-parlatorju mar-rapprezentant legali tieghu.

### B.4 Konkluzjoni

A bazi tas-su espost, l-esponenti umilment jishaqq illi fil-kaz odjern is-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti mhux ' *safe and satisfactory'* stante li meta jigu kkunsidrati l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u dawk prodotti in difesa jinholoq dubju ragjonevoli. Il-' *lurking doubt'* li ghalih jirreferu Blackstone, Archibold u l-gurisprudenza nostrana evidentement jezisti fil-kaz odjern u dan fid-dawl tal-fatt illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tilhaq il-livell rikjest mil-Ligi u cioe dak ta' beyond reasonable time.

## C. <u>Dwar l-Agir tal-esponenti u l-legittima difesa</u>

Dan l-aggravju qieghed jigi mressaq ' il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti.

Dwar din id-difiza, l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi:

> "Din il-Qorti gia rrimarkat kif hija attribwiet kredibbilita lill-verzjoni moghtija mill-parte civile dwar kif verament zviluppa l-incident … L-aggressur li ipprecipita l-incident ghalhekk kien l-istess imputat u mhux il-parte civile u allura dan jeskludi kompletament l-applikabbilita tal-legittima difesa; kif wiehed jista' jitkellem minn perikolu inevitabbli jekk huwa jitfa lilu inniffsu f' dik is-sitwazzjoni minhabba l-agir aggressiv tieghu!"

L-esponenti ma jaqbilx ma' tali konkluzjoni ghax kif spjegat fl-aggravji precedenti, hija il-verzjoni illi ta l-appellant illi ghandha mis-sewwa u sorretta bi provi u mhux dik tal-parti leza.

Mill-provi jirrizulta ppruvat sal-grad tal-probabbli illi l-mod ta' kif huwa irreagixxa meta affrontat bl-aggressjoni ta' Anthea Tabone taqa fil-limiti tal-*legittima difesa* u dan fit-termini tal-artikoli 223 u 224 tal-Kodici Kriminali.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **' Il-Pulizija v. David Farrugia'** , deciza nhar is-26 ta' Mejju 2016, per Onor. Imhallef Edwina Grima, giet trattata d-difiza tal-legittima difeza *in funditus*, u gie sostnut hekk:

> "Illi kif huwa ben saput, il-gustifikazzjoni ghall-*legittima difesa* tirrizulta meta persuna tilqa' b' forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-fatt l-Artikolu 223 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid: ' Ma hemmx reat meta omicidju jew offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.' "

In oltre, issir referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet ' **Il-Pulizija v. Zachary Vella'** deciza nhar it-3 ta' Mejju 2019, per Onor. Imhallef Edwina Grima, fejn intqal hekk:

> "… biex tirnexxi difiza li hija legittima, tali difisa trid tirrizulta, ghalinqas fuq bazi ta' probabilita' , li l-appellant kellu xi bzonn attwali li jiddefendi ruhu minn xi perikolu ingust, gravi u inevitabbli u/jew li kien soggett ghal xi provokazzjoni li f' persuna ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci jqis il-

konsegwenzi tad-delitt u li kienet twassal biex hu jirrejagixxi kif irrejagixxa. Dan kollu johrog mill-provi quddiem il-Qorti li ghandha tevaluta l-portata taghhom specjalment meta jkun hemm versjonijiet konfliggenti' .[25]

Illi skont il-mibki **Professur Sir Anthony Mamo** sabiex din id-difiza tkun tista' tigi ravvizata huwa essenzjali li l-periklu attwali jkun wiehed kontra l-ligi (unjust), gravi u inevitabbli, u dan apparti l-proporzjonalita' rikjesta tar-ritaljazzjoni mill-attakk fuq il-persuna li tkun qed tiddefendi ruhha.

…….

Kwindi huwa evidenti li sabiex l-att difensjonali jkun gustifikat ghal dak li jirrigwarda dan l-element, din trid tkun ta' certu portata u ta' daqstant periklu. In oltre l-azzjoni kontra min qed jiddefendi lilu nnifsu trid tkun tammonta ghal reat vjolenti jew li jsehh f' tali ċirkostanzi li jqajjmu biza ragjonevoli tal-periklu tal-hajja jew sigurta' personali ta' dak li jkun jew haddiehor.

Illi fir-rigward tal-inevitabbilta' Mamo jispjega dan l-element b' mod car billi jghid illi l-akkuzat irid jipprova illi ' the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided' u li kwindi tissusisti jekk il-periklu in kwistjoni jkun immedjat (sudden), attwali u assolut. Ghal dak li jirrigwarda l-attwalita' , Mamo jghid illi ' if it (il-periklu) had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence' ,

[25] Il-Pulizija v. Anthony Micallef, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-30 ta' April 2009, per Onor. Imhallef Joseph Galea Debono.

> filwaqt li rigward l-assolut jghid illi l-periklu jrid ikun tali illi fil-mument taghha ' it could not be averted by other means.' "

Fermi dawn l-insenjamenti gurisprudenzjali, l-esponenti jikkontendi li meta huwa gie affrontat minn Tabone hija bdiet ixxejjer sikkina kbira, liema sikkina giet ezebita nhar it-28 ta' Jannar, 2019 u immarkata bhala Dok RAX1, tant li laqtitu bl-imsemmija sikkina kif jixhdu r-ritratti ezebiti nhar l-14 ta' Jannar, 2020 u mmarkati bhala Dok SG3 u Dok SG4, huwa kien qieghed jaffaccja theddida ingusta, gravi u inevitabbli u ghalhekk gie kostrett li jiddefendi lilu nnifsu bl-uzu tal-forza.

Dwar din id-difiza jehtieg li ssir referenza kemm ghall-istqarrija rilaxxata mill-esponenti a tempo vergine kif ukoll ghad-deposizzjoni tieghu ta' nhar l-14 ta' Jannar, 2020.

Nhar it-8 ta' Jannar, 2019 l-appellant stqarr: "Hi giet ghalija b' sikkina daqsiex u bdiet ixxejjirha." Mistoqsi dwar il-griehi sofferti minnu, l-esponenti stqarr li dawk kienet ghamlitomlu il-parti leza waqt l-argument.[26]

Sussegwentament nhar l-14 ta' Jannar, 2020 xehed:

> "Jien kont diehel fil-kamra, hi daret biex tigi warajja… laqtitni bis-sikkina u jien hemmhekk x' hin qbadtielha u tfajtielha"[27]
>
> "Imbaghad jien qbadtha minn idha u hekk telqet is-sikkina, konna qeghdin ma' dak il-hajt li ghandek hemmhekk fejn hem mil-boxroom u hemmhekk x' hin ghelibna ghal gewwa l-kamra tal-boxroom. X' hin inqlibna hemmhekk dahlitli zewg idwiefer go taht ghajnejja …. X' hin konna mal-art ippruvajt niddefendi lili nnifsi"[28]

Dan kollu ghandu jintrabat ma' dak li xehed in kontro ezami l-ufficjal prosekutur nhar l-14 ta' Jannar, 2020 fejn ikkonferma bil-gurament tieghu illi kawza ta' dan l-incident, ittiehdu proceduri kriminali kontra l-parti leza u cioe li kkagunat feriti ta' natura hfief fuq il-persuna tal-esponenti.

---

[26] Fol. 10 tal-Atti Processwali
[27] Fol. 182 tal-Atti Processwali
[28] Ibid.

A bazi tas-su espost, abbraccjata t-tezi prospettata mill-appellant u abbinata mal-gurisprudenza hawn fuq iccitata li tfassal l-elementi legali mehtiega sabiex tissussisti l-iskriminanti tal-legittima difesa, l-esponenti umilment jemmen li t-tezi tal-legittima difiza f' dan il-kaz kellha ssib akkoljiment.

**D. <u>Dwar il-Piena</u>**

Dan il-punt qieghed jitqajjem strettament minghajr pregudizzju ghall-punti precedenti u ghandu jigi kkunsidrat biss fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti ssib htija taht xi wahda mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

**D.1 Generali**

Tajjeb li jinghad illi l-gudikant, fl-ghoti tal-piena ghandu dejjem jiehu in konsiderazzjoni l-impatt tar-reat li gie kkawzat fuq is-socjeta' , madanakollu l-Qorti mhix komposta biex tissodisfa l-prosekuzzjoni jew il-pubbliku izda biex tevalwa l-kaz odjern quddiemha u tohloq bilanc bejn l-piena inflitta u l-istess impatt fuq is-socjeta.

F' dan il-kuntest qed issir referenza ghal sentenza li nghatat fil-kwaza bl-ismijiet **R vs. Sargeant[29];**

> *"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion".*

L-esponenti jishaqq li anke jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss dina l-Onorabbli Qorti kellha tikkonferma l-htija, piena ta' prigunerija effettiva mhiex wahda ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Kif ikkonfermat il-parti leza fuq il-pedana tax-xhieda, ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet spiccat nhar is-6 ta' Jannar, 2018 u minn dak iz-zmien ' l quddiem incidenti ohra bejn il-partijiet ma kienx hemm.

Kif tixhed il-fedina penali tal-esponenti, l-esponenti la qabel il-proceduri odjerni u lanqas wara li gie mressaq il-Qorti fi proceduri odjerni ma kellhu x'

[29] R vs. Sergeant (1974) 60 Cr App R 74.

jaqsam mal-Pulizija u l-ordni ta' protezzjoni mahruga fil-mori ta' dawn il-proceduri segwiha sal-inqas dettal.

Il-karattru responsabbli tal-esponenti jimmanifesta fil-fatt illi bi ftehim bejn l-appellant u l-ewwel siehba tieghu li minnha ghandhom wild, il-kura u kustodja tal-istess wild hija fdata f' idejn l-appellant – fatt illi facilment jista' jigi kkonfermat mill-istess siehba tal-appellant Charlene Farrugia -detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 362892(M).

Dan kollu juri kif l-esponenti mhux persuna kriminali, tefa' l-passat warajh u mexa ' l quddiem.

Ghaldaqstant jemmen illi fl-eventwalita' li tigi mposta xi forma ta' piena fuqu, dan kollu ghandu jkun ikkunsidrat.

**D.2 Dwar l-applikabilita' tal-Artikolu 221 (3) tal-Kapitolu 9**

L-artikolu 221 (3) jistipula illi:

> (3) Meta l-effett, ikkonsidrat sew ghal dak li hu l-gisem tal-offiz kemm moralment, ikun ta' importanza zghira, l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel –
>
> (a) il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa, jekk l-offiza ssir b' wiehed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 217, inkella fuq xi wahda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222 (1) (a) u (b);
>
> (b) il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, f' kull kaz iehor.

Illi skond ic-certifikat mediku mahrug minn Dr Ramon Scerri u ezebiet Fol. 13 tal-atti processwali kif ukoll skond ix-xhieda tal-istess mediku ta' nhar it-28 ta' Jannar, 2019 jemergi illi l-feriti sofferti minn Tabone huma klassifikati "bhala hfief ghax ma jkunx hemm kumplikazzjonijiet"

Dan kollu jinkwadra f' dak illi jiddisponi sub-inciz (3) tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Konsegwentament fl-eventwalita ta' sejbien ta' htija, stante l-applikabilita' tal-istess disposizzjoni legali, il-piena ghandha tkun fil-parametri stabbiliti fl-artikolu 221(3) u mhux xort' ohra kif ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti.

### D.3 Dwar il-Proporzjonalita' fil-Piena

L-ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi gialadarba il-piena ta' tmien xhur prigunerija effettiva hija entro l-parametri tal-Ligi (madanakollu anke dan huwa kkontestat stante l-applikabilita' tal-artikolu 221 (3) tal-Kodici Kriminali), il-piena hija wahda idonja.

B' kull dovut rispett, imma l-esponenti ma jista' qatt jaqbel li piena ta' prigunerija effettiva hija wahda ekwa u gusta fid-dawl tac-cirkostanzi odjerni.

Dak li ma ghamlitx referenza ghalih l-ewwel Onorabbli Qorti huwa l-fatt li ai fini ta' kalibrar tal-piena, kien jinkombi fuq l-istess Qorti illi tassigura li l-piena mposta tkun konformi mal-principju ta' proporzjonalita.

Fid-dawl tal-premess qieghda ssir referenza ghall-artikolu 52 tac-Charter tad-Drittijiet tal-Bniedem li jipprovdi:

> *' Any limitation on the exercise of the rights and freedoms recognised by this Charter must be provided for by law and respect the essence of those rights and freedoms. Subject to the principle of proportionality, limitations may be made only if they are necessary and genuinely meet objectives of general interest recognised by the Union or the need to protect the rights and freedoms of others.'*

`In oltre qieghda ssir referenza wkoll ghall-artikolu 49 (3) tal-istess Charter:

> *The severity of penalties must not be disproportionate to the criminal offence.*

Fid-dawl tas-su espost qieghda ssir referenza ghal artiklu intitolat ' **<u>Fundamental rights and punishment: Is there an EU perspective?'</u>** ppublikat fl-ghaxar (10) volum ta' ' New Journal of European Criminal Law' fejn gie ritenut illi:

*"Hence, the dialectic between the fundamental rights and punishment generates the two functions of penal sanctions: the security function, which aims at protecting the relevant legal interests against crime, and the guarantee function which aims at protecting individuals against excessive punishment. The former – also called the ' sword of the criminal law' – is to be pursued with respect for a number of fundamental rights and principles that are part of the joint heritage of the States abiding by the rule of law, which limits the otherwise unbound exasperation of punishment. In other words, fundamental rights also work as the ' bad conscience' of punishment and serve as a ' shield' against its possible excess.*

*Thus, the double dimension of fundamental rights helps to strike the right balance between the interests of the State and of the individual in the context of punishment. Taking fundamental rights into account means a limitation of repression, as an instance of the principle of proportionality in a broader sense or principle of necessity of criminal intervention, which calls for the subsidiary or ultima ratio nature of criminalization, as well as for the demand of maximum restriction or prohibition of excess of punishment."*

L-esponenti jinnota illi hemm numru ta' sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta)[30] illi hassew illi f' cirkostanzi u akkuzi simili ghal dawk rinfaccjati mill-esponenti, piena ta' prigunerija effettiva ma tkunx piena idonja.

In oltre hemm diversi sentenzi ohrajn fejn il-piena erogata mill-Qorti tal-Magistrati ghal-akkuzi simili ghal dawk migjuba kontra l-appellant kienet dik ta' prigunerija effettiva izda l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) hasset illi fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz inkluz izda mhux biss tal-fatt illi l-appellant kien ' first-time offender' u li tali agir ma rrepetix ruhu, piena ta' prigunerija effettiva ma kinetx wahda ekwa u gusta[31].

Kif jista' jinghad illi l-piena mposta fuq l-appellant hija wahda proporzjonali skond il-principju ta' proporzjonalita?

---

[30] Vide passim Il-Pulizija vs William Mifsud' ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) nhar id-29 ta' Settembru, 2020, Il-Pulizija vs Darrin Mugliett ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) nhar id-29 ta' Novembru, 2018, Il-Pulizija vs Carmelo Sammut' ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) nhar l-24 ta' Ottubru, 2018.

[31] Vide passim ' Il-Pulizija vs Jean Pierre Frendo deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) nhar id-29 ta' Settembru, 2020 u ' Il-Pulizija vs Lawrence Galea' deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) nhar il-21 ta' Marzu, 2017.

Fl-umli fehma tal-esponenti, piena ta' tmien xhur prigunerija effettiva hija wahda manifestament sproporzjonata u ghalhekk ghandha tigi varjata.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jittrattaw l-ewwel eccezzjoni sollevata mid-difiza u cioe dik ta' nullita tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti u dan ghaliex hadet konjizzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile li giet prezentata wara t-terminu moghti lilha u ad insaputa ta' l-istess appellant li sar jaf dwarha minn qari tas-ssntenza appellata. Rat ukoll dak li stqaret d-digfiza li hija m'ghandheix oggezzjoni li din il-Qorti ma tibghatx l-atti lura ill-ewwel Qorti f'kaz li tilqa' l-ewel aggravju taghha.

Ikkunsidrat,

Il-fatti fil-qosor dwar din l-ewwel ecezzjoni huma s-segwenti:-

1. Illi skond il-verbal datat 7 ta' Lulju, 2020, il-Prosekuzzjoni u l-parte civile kellhom xahar mid-data tas-seduta biex jipprezentaw n-nota ta' sottomissjonijiet taghhom u l-appellant kellu sal-ahhar ta' Settembru sabiex jipprezenta n-nota tieghu b' risposta ghal dawk maghmulha mill-parti leza u mill-Prosekuzzjoni kif ukoll sabiex jaghmel dawk l-osservazzjonijiet relevanti in sostenn tad-dikjarazzjoni tal-appellant ta' mhux hati.
2. Illi mill-atti jirrizulta li n-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni giet pprezentata fid-29 ta' Lulju, 2020, dik tal-appellant giet pprezentata nhar is-16 ta' Settembru, 2020.
3. Illi jirrizulta ukoll li n- nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile Anthea Tabone giet prezentata nhar it-22 ta' Settembru, 2020.
4. Illi ma jirrizultax li din in-nota li giet prezentata tardivament giet notifikata lill-appellant.
5. Mir-rikors tal-appell jidher li l-appellant sar jaf b'din n-nota biss wara li inghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti u dan ghaliex l-istess Qorti ghamlet referenza ghaliha meta abbraccjat u ghamlet taghha l-argumentazzjoni sollevata mill-istess prosekuzzjoni u parte civile fin-noti taghhom. Bizzejjed issir referenza a fol. 3 tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi "*rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile Anthea Tabone prezentata fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru, 2020 kif ukoll ghal fol. 16 tas-*

*sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti sostniet kemm il-parte civile kif wkoll id-difiza fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom taw spjegazzjoni cara ta' dan il-kuncett legali u din il-Qorti qieghda taghmel taghha tali esposizzjoni legali."*

6. Illi ghalhekk l-ewwel Qorti tat piz kbir lil dokument li l-akkuzat ma rax meta giet biex issib htija fil-konfront tal-appellant.

**Kunsiderazzjoni legali**

Huwa innegabbli li l-istadju finali tal-kawza huwa stadju importanti u hadd hlief tad-difiza ma ghandu l-obbligu u l-oneru li jaghzel kif ghandu jiddefendi lill-persuna akkuzata. Izda meta l-gudizzju jew '*assessment*' tad-difiza jigi mharbat billi tigi pprezentata nota ta' sottormissjonijiet *ad insaputa* ta' l-akkuzat, il-konkluzjoni hija cara u univoka, u cioè li kien hemm nuqqas ta' smigh xieraq.

Dan il-punt fil-fatt gie trattat fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Christopher Cassar vs Onorevoli Prim Ministru et** [32] fejn fil-kawza kriminali li kien hemm fil-konfront tal applikant Christopher Cassar il-prosekuzzjoni kienet ipprezentat nota ta' sottomissjonijiet ad insaupta tad-difiza u ghalhekk id-difiza ma kienitx f'posizzjoni li tirribatti il-kontenut tan-nota u ghalhekk l-applikant gie lez mid-dritt tieghu ta' smiegh xieraq. Jinghad li b'dak li sehh quddiem l-ewwel Qorti sar ksur tad-dritt fondamentali tal-appellant ghal smigh xieraq li f'pajjizna huwa garantit kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta (Art. 39) kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319). Il-Qorti riteniet li:-

*'In-nuqqas tal-Prosekuzzjoni huwa imputabbli lilha biss. Din l-omissjoni hija serja ghaliex id-difiza ma kienitx a konoxxenza tas-sottomissjonijiet bil-miktub da parti tal-Prosekuzzjoni. Kieku nghatat kopja mill-Prosekuzzioni, id-difiza kienet tkun f'pozizzjoni li tirribatti tali sottomissjonijiet. Izda, peress li ma kienitx taf bihom, id-drittijiet tad-difiza gew manifestament ivvjolati'.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Supt. A. Mamo) Vs Tonio Ciantar Omissis**[33] dan il-punt gie trattat in funditus fejn din l-Qorti diversament preseduta stqaret li l-

[32] Dreciz nhar it-22 ta' Frar 2017. Rikors Guramentat Nru: 31/2012 AF
[33] Deciza fid-29 ta Ottubru 2009. Appell Kriminali Numru. 343/2009

ewwel Qorti kienet ghamlet hazin meta ghaddiet biex tghati s-sentenza taghha meta n-nota ta' osttomissjonijiet li kienet ipprezentat il-prosekuzzjoni ma gietx notifikata lill-akkuzat. Filf-att irriteniet li:-

*"Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel aggravju jidher pjenament gustifikat fis-sens illi l-Ewwel Qorti ma kellix tghaddi ghassentenza qabel ma taccerta ruhha li l-appellant kien gie notifikat bin-nota ta' osservazzjonijiet tal-prosekuzzjoni kif del resto ordnat li kellu jsir hija stess fil-verbal fuq citat u dan jimporta difett serju procedurali li wahdu jista' jwassal ghan-nullita' tal-proceduri w tas-sentenza appellate konsegwenzjali."*

In linea ma dawn is-sentenzi din il-Qorti qeda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u tiddikjara is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar l-20 ta' Ottubru, 2021 bhala nulla stante li l-appellant ma keinx inghata smeigh xieraq meta l-ewwel Qorti ma ordnatx li n-nota tal-parte civile tigi notifikata lilu qabel ma ghaddiet ghas-entenza u qed tirrimanda l-atti kollha lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tinstema' l-kawża wara li tiehu kjonjizzjoni ta' l-atti **kollha**[34] u b'hekk l-appellant ma jkunx ipprivat mid-doppio esame.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[34] Sottlinear tal-Qorti